MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2012

Numru. 508/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Saviour Baldacchino]**

**vs**

**Joseph Gatt**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Gatt detentur tal-karta tal-identita` numru 498159(M).

Akkuzat talli:

Nhar it-23 ta’ Marzu, 2012 ghall-habta tal-11:00hrs gewwa Msida iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentament, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew

imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid bi ksur tal-Art 298 (a) tal-Kap 9;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew xjentament, ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid bi ksur tal-Art 298 (b) tal-Kap 9;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq bi ksur tal-Art 298 (f) tal-Kap 9;

U wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuni ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju biegh jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakketjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak, jew kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tieghu fil-kors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hu jew persuna ohra jbieghhom jew jaghmel qliegh minnhom bi hsara ta' Art 72 (1) (a), (b), (c) tal-Kap 416.

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 298(a), (b) u (f) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 72(a), (b) u (c) tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputat Joseph Gatt hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu

22 tal-Kap 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna d-distruzzjoni taz-zewg garbage bags Dokument JG7 taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------